

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' JITMA' LIL 5000 RUH

**Matt. 14:13-23; Mark 6:31-46; Luqa 9:7-17; Gwann 6:1-15**

Id-dixxipli gew hdejn Gesu' li kien qed jilqa' ghandu follol kbar ta' nies li xtaqu jisimghuh jippridka. In-nies ma tantx kienu jhallulu zmien jistrieh u jiekol. U Gesu' qal lil Appostli: "Ejjew mieghi f'post kwiet halli nistriehu."

Imma ma tantx damu jistriehu ghaliex malli n-nies saret taf fejn kienu, grew ghal warajh. Gesu' thassarhom lin-nies ghaliex ra li kienu bhan-nghag bla rghaj. Kienu hemm madwar 5000 ruh li gew minn diversi nahat tal-Galilea biex jsimghuh jippridka. Hafna minnhom ma kienux gabu ikel maghhom ghax ma basrux li kellhom iterrqu dawshekk il-boghod biex jaraw lil Imghallem ta' Nazaret. Pero' fost il-folla kien hemm tifel li kellu basket li fih kien pogga 5 hobziet tax-xghir u zewg hutiet zghar.

Gesu' qaghad bil-qieghda u qaghad jghallimhom hwejjeg tas-sema li huma qatt ma kienu semghu fuqhom. Sahansitra anke fejqilhom il-morda li gabulu quddiemu. Il-jum dahal sewwa u kien ikun sew li kieku dawn hasbu biex jitilqu.  Imma Gesu' ma baghathomx lura.

"Ghidilhom imorru Mulej ghax dalwaqt ix-xemx tinzel," qalulu d-dixxipli.

"Jekk imorru lura d-dar zgur li jhosshom hazin billi dawn in-nies ghadhom ma kielux. Tuhom l-ikel intom," wegibhom Gesu'.

"Minn fejn tridna ngibu dan l-ikel kollu? Ahjar tibghathom u huma jixtru mill-irhula."

Imbaghad staqsa lil Filippu : " Minn fejn ser ingibu l-hobz biex nitimghu dan il-poplu?"

“Mitejn denar hobz ma jkun bizzejjed biex titma’ folla hekk kbira,” wiegbu Filippu.
Wieħed mid-dixxipli tiegħu, Indrì, ħu Xmun Pietru, qallu: "Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar; imma dawn x'inhuma għal daqshekk nies?"

“Gibuhom hawn quddiemi,” ordnalhom Gesu’. "Qiegħdu n-nies bilqiegħda" Dik in-naħa kien hemm ħafna ħaxix. Għalhekk in-nies, xi ħamest elef raġel, qagħdu bilqiegħda.

Ġesù ħa l-ħobżiet, radd il-ħajr, u qassamhom lil dawk li kienu bilqiegħda; hekk ukoll għamel bil-ħut, u kulħadd ħa kemm ried. Meta xebgħu, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Iġbru l-loqom li baqa', biex xejn ma jinħela." Marru jiġbruhom, u mlew tnax-il qoffa bil-loqom li kien fadlilhom in-nies mill-ħames ħobżiet tax-xgħir wara li kienu kielu.



Għalhekk dawn in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: "Dan hu tassew il-Profeta li għandu jiġi fid-dinja!"  Il-folla hasbet li tkun haga xierqa u flokha li lil Gesu’ jaghzlu b’sultan taghhom flok ihallu lil Cesare u r-Rumani jiggvernaw fuqhom. Hassew komdi li fil-bzonnijiet taghhom Gesu’ jopra l-mirakli.

Imma Ġesù, meta ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors ħalli jagħmluh sultan, raġa' warrab waħdu lejn l-għoljiet.

## RIFLESSJONI

Kemm kien qal sew Kristu lis-semmiegha tieghu meta ghallimhom biex jahsbu l-ewwel fis-saltna ta' Alla u kollox jinghatalhom b'zieda. Il-grajja ta' fuq hija prova ta' dan.

L-ewwel haga li ahna ghanda npoggu fuq quddiem nett, anzi l-ewwel wahda, ikun Alla u l-Kelma Tieghu. Il-hwejjeg l-ohra jigu wara. B'daqshekk ma jfissirx li ghandna nittraskurawhom, le, irrdu naqdu dmirijetna ukoll matul hajjtina, imma Alla ghandu jiehu l-post ta' quddiem net.

Niftakru x'kien qal lil Marta oht Marija meta din flok marret taghmel il-qadi tad-dar qaghdet tisma' lil Kristu,: " Marta, Marta, inti qed tithabat ghall-hwejjeg li jghaddu, izda ohtok Marija ghazlet l-ahjar, dak is-sehem li ma johodulha hadd."